**_ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL_**

**_73, ST. MARY STREET_**

**_TARXIEN. TXN 1704_**

**_Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt_**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 62/2023 it-Tmien Leġislatura

Data: It-Tnejn, 25 ta' Settembru 2023

Ħin: 18:30

Bdiet: 18:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**62.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.61**

62.1.1 Is-Sindku ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 61 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella Zammit, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**62.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 51**

62.2.1Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Ismael Dalli u s-Sur Christian Pace ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn ta' 1 ta' Settembru 2023 u l-25 ta' Settembru 2023 li kienet tammonta għal €25,090.89.

**62.3 Punti mill-Minuti**

| | |
|---|---|
| **62.3.1 Konsultazzjoni mal-għaqdiet tal-armar – Proġett tal-Pjazza** | Is-Sindku semma li dan fejn ġej id-dawl dekorattiv mill-pjazza sal- Bus Shelter ser ikun hemm ukoll dawl li jagħti fuq l-knisja minn fuq nett tal-arbli. Is-Sindku semma li ser jerġa, jiltagħa |

ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL

73, ST. MARY STREET

TARXIEN. TXN 1704

Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt

mal-għaqdiet tal-armar sabiex jaraw eżattament l-pożizzjoni tal-arbli tal-festa meta jkunu għarmati bil-bnadar.

**62.3.2 Proġett tal-Pjazza**

Is-Sindku semma li Infrastruttura Malta flimkien mal-esperti kienu għaddejjin bil-kitba tas-sejħa għall-offerti u għaldaqstant il-proċess kien mixi.

**62.3.3 Triq Kurunell Mass**

Is-Sindku semma li din it-triq kienet ser tiġi rranġata minn Infrastruttura Malta.

**62.3.4 Kuntrattur – Bulky Refuse**

Is-Sindku semma li kienu tkellmu mal-kuntrattur sabiex ikun hemm titjieb fuq is-servizz.

**62.3.5 Skema – Clean Up**

Il-Sindku semma li ser ikunu qed jitlob lil Cleansing Department sabiex jagħtu l-għajnuna waqt din l-attivita' li ser iddum għaddejja xhar.

**62.3.6 Laqgħa għal Cat Feeders**

Il-Sindku semma li kien li din il-laqgħa baqgħet ma saritx. Semma li huwa flimkien mas-Sa. Annabelle Marmara attedndew għal-laqgħa ta' LC Care. Semma li jidher li ser tkun qed terġa' tiftaħ l-iskema. Is-Sur Thomas Debattista talab li l-Kunsill għandu jiddentifika ż-żoni kollha fil-lokal li fihom hemm cat shelters jew hemm feeders li jieħdu ħsieb jitimgħu lill-annimali ta' barra.

**62.3.7 Traffic Management – One Ways**

Is-Sindku semma li wara l-ittra li ntbagħatet lill-residenti ta' Triq Ġanni Faure, kien hemm xi residenti li għaddew il-proposti tagħhom. Kien issuġġeriet li Triq il-Kavallerija ssir two-way. Is-Sindku semma li kien ser jiltaqa' ma' Infrastruttura Malta sabiex jara l-possibbilta' li ssir l-infrastruttura f' din it-triq mill-Aġenzija.

**62.3.8 Latrini Awtomatiċi**

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

Is-Sindku semma li kien hemm li kien ġie Perit jagħmel survey fuq il-post u fil-jiem li ġejjin ser ikun qed jibgħat il-pjanta proposta għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**62.3.9 Fondi Norveġiżi**

Is-Sindku semma li l-proġett infrastrutarali tal-Ġnien Joanne kien tlesta u kienu qed isiru l-verifikazzjonijiet tal-fatturi. Semma li ser issir talba għall-estensjoni tal-implimentazzjoni tal-proġett sa l-aħħar ta' Marzu 2024 peress li kif kien approvat l-attivitajiet iffinanzjati minn dan il-proġett isiru fi żmien il-Milied. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Thomas Debattista, il-Kunsill approva t-talba għal din l-estensjoni.

**62.3.10 Heritage Tr ail**

Il-Sindku staqsa lis-Sur Christian Pace sabiex jibgħat kopja tal-proposta lill-Kunsill sabiex ikun jista' jibda l-proġett.

**62.3.11 Skema għall-CCTVs – Reġjun Port**

Is-Sindku semma li ser tiġi sotomessa applikazzjoni mar-Reġjun sabiex jiġu nstallati sett ta' CCTVs kemm fil-parkeġġ ta' wara l-iskola kif ukoll ser ikun qed jara l-possibbilita' li jsir sett fi Triq Sardinja.

**62.3.12 Skema għall-attivitajiet kulturali u lokali – Reġjun Port**

Is-Sindku semma li ser ikun qed issir attivita' sabiex tati merħba lit-tfal tal-iskola. Din ser tkun fuq tliet ijiem. Semma li l-Kunsill ħalas biss l-ispiża tar-renta ta' ħewġ kustumi. Semma li s-sound system kienet ser tissellef mill-Għaqda Kultura u Armar.
Is-Sur Christian Paca xtaq jirringrazzja lill-Għaqda tal-kontribut tagħha.

**62.3.13 Taħriġ tal-First Aid**

Is-Sindku semma li t-taħriġ kien sar u kien suċċess.
Il-Viċi Sindku semmiet li l-aprteċipanti taw kummenti pożittivi semmiet li huma rekomandaw li peress li t-taħriġ huwa wieħed ta' ħafna siegħat idealment dan ikun imqassam fuq aktar jiem u jkun b' iqsar siegħat f' kull sessjoni.

**62.3.14 Traffic Calmers**

Is-Sindku semma li kienu ġew approvati t-traffic calmers kollha li għalihom il-Kunsill kien applika. Semma li kienu inġabru tliet kwotazzjonijiet u inxtraw ħames sleeping police li kienu qed

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

jiġu installati; tnejn ġewwa Triq is-Sorjiet, waħda Triq Lampuka, waħda Triq il-Knisja u oħra Triq il-Frieres.

Is-Sindku semma li kien hemm laqgħa mal-persuna inkarigata mill-GreenMT sabiex jiġu lokalizzati fejn ser jitwaħħlu CCTVs qabel jiġu mpoġġija l-Bring in Sites.

**62.3.15 Bring in Sites**

Pjanata annessa mal-minuti u mmarkata bħal Dok A turi s-siti fejn ser ikunu.
Is-Sur Dalli semma li wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill jikkunsidra skips taħt l-art.

62.3.16 Is-Sa. Annabelle Marmara daħlet għal-laqgħa 19:30

**62.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Reviżjoni tal-Estmi Finazjarji għas-sena 2023.**

62.4.1 Is-Sindku preżenta r-Rapport tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023 li resqet id-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi spjegat mid- Deputat Segretarju Eżekuttiv. Dan peress li kien hemm il-ħtieġa li dan jiġi revedut.

62.4.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv daret ir-rapport kollu u tat spjega tal-qagħda ta' dħul u anki l-infiq li huwa stamt li jsir għall-kumplament tas-sena 2023. Hija talbet sabiex taqra l-overview tar-rapport u ddur mal-Kunsilliera l-figuri sabiex tispjegahom. Inkkonkludiet billi qalet li l-Kunsill huwa stmat li ser jagħlaq b' surplus ta' €16,000. Għaldaqstant, hija qalet lill-Kunsill sabiex ikun kawt fin-nefqiet tiegħu u jipprova kemm jista' jkun jimxi mal-Estemi. Semmiet ukoll li kienet neħħiet estimi ta' dħul li jrid jidħol bħala rimborż għas-sena 2023 fuq tipping fees tal-iskart organiku. Dan għaliex diskussjonijiet fuq bażi Reġjonali rigward is-suġġett għadhom fi stadju preliminari.

62.4.3 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Darlene Vella u s-Sa. Annabelle Marmar, il-Kunsill approva unanimament r-Rapport kif preżentat.

**62.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**62.5.1 Talba għall-applikazzjoni ta' Sleeping Police**

Is-Sindku semma li war akonsultazzjoni mar-residenti, il-Kunsill ser ikun qed japplika għal traffic calmers f' dawn it-

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

toroq: Triq Xintill (tnejn), Triq l-Annuzjata li tmiss ma' Paola Road.

62.5.2 Is-Sur Ismael Dalli talab li jkun skużat mil-laqgħa 19:50.

**62.5.3 Notice Boards mal-lokal**

Is-Sindku propona li jitwaħħlu notice boards madwar il-lokal. Semma wkoll li taħt dawn il-Boards ikun hemm letterboxes sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jħallu l-ilmenti jew proposti lill-Kunsill mingħajr il-ħtieġa li jinżlu fl-uffiċju tal-Kunsill. Propona li dawn isiru fi Triq Dun Karm Sant, Ġnien Joanne u ħdejn Dar Nazzareth.
Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Thomas Debattista, il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva.

**62.5.4 Van għall-Kunsill**

Is-Sindku semma li minħabba li l-Kunsill għandu l-ħaddiema tal-komunita' li jagħmlu ħafna xogħol siewi ta' tindif u manutenzzjoni madwar il-lokalita', huwa qed jipproponi li b' van wieħed mhuwiex biżżejjed biex il-ħaddiema jinqasmu f' żewġ gruppi u jlaħqu mar-raħal kollu. Għaldaqstant, huwa ppropona li tinġabar kwotazzjoni għall-kirja ta' van ieħor żgħir. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva sabiex jinġabru l-kwotazzjonijiet.

**62.5.6 Charging Pillars**

Is-Sindku semma li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mill-Ministeru tal-Ambjent sabiex jiġu installati diversi charging pillars madwar il-lokal. Is-Sindku għadda lil dawk preżenti kopja taż-żoni li qed jiġu proposti. Bejniethom iddiskutew dak preżentat u kien hemm qbil fuq uħud miż-żoni proposti. Lista ta' żoni proposti u approvati jew mod ieħor annessi mal-minuti u mmarkati Dok B. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv intalbet tinforma lill-Ministeru b' dak li kien deċiż.

**62.5.7 Malta Libraries**

Is-Sindku semma li r-Reġjun kien informa li Malta Libraries kienu qed jipproponu li jiġi ffirmat ftehim ġdid bejn il-Kunsilli u Malta Libraries għat-tmexxija tal-librerija lokali. Id-Deputat

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet ser terġa' tiċċirkola draft agreement għall-kummenti tal-Kunsilliera.

**62.5.8 Attivita' Sportiva**

Is-Sur Neil Portelli informa li nhar 21 t' Ottubru ser tkun qed tiġi organizzata attivita' sportiva fil-lokal.

**62.5.9 Triq il-Kavallerija**

Is-Sindku semma li ser ikunu qed jibda komunikazzjoni ma' Infrastruttura Malta sabiex titranġa Triq il-Kavallerija. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Thomas Debattista, il-Kunsill approva din il-proposta.

**62.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

**62.6.1 Mozzjoni Sqaq it-Tramuntana**

Il-Kunsillier Christian Pace talab li tinqara l-mozzjoni mibgħutha minnu. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat il-mozzjoni li s-Sur Pace kien ressaq u li tinstab annessa mal-Minuti u mmarkata bħala Dok Ċ.
Il-Kunsill iddiskuta l-mozzjoni u kien hem ftehim li għandha titbgħat komunikazzjoni uffiċjali lill-Kap Eżekuttiv Infrastruttura Malta sabiex tiġi kjarifikata l-pożizzjoni tal-Kunsill fuq dan il-proġett.
Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tikteb ittra kif kien diskuss. Semma wkoll li l-ittra għandha tkun approvata mill-Membri qabel tintbgħat u kopja tagħha titella' fil-laqgħa li jmiss.

**62.7 Aġġornament**

62.6.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-21:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 16 t' Ottubru 2023 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| Joseph Abela Galea | Lianne Cassar |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Dok A.




Triq Santa Monika




Triq ta’ Sardinja




Triq Kurunell Mass



Triq Cikka Saliba

Dok B

## Lianne Cassar

**From:** Christian Pace <christian.pace.tlc@gmail.com>
**Sent:** Friday, 22 September 2023 07:11
**To:** Lianne Cassar; Mifsud Lianne at Local Councils Assocaition
**Subject:** Mozzjoni

Bonġu,
Għażiża Lianne jien nixtieq nressaq mozzjoni kontra li jitniffed Sqaq it-Tramuntana mat-triq biswiet l'iskola. Fost ir-raġunijiet hemm dawn li ġejjin.

1 li din ser tittieħed biċċa Green area biex isir tarmak flok tingħata lil iskola u tkun tista tiġi żviluppata għat-tfal u l'edukazzjoni tagħhom.

2 ser jinqataw diversi siġar li hemm miżrugħa fosthom siġar maturi.

3 it-traffiku ser jintefa' eżatt minn fejn isir id-dħul u ħruġ tal-iskola u dan jista' jkun ta' periklu kbir.

4 b'din it-triq ser nkunu qed nagħmluha aktar faċli biex jiġi aċċettat żvilupp li hemm propost u li aħna oġezzjonajna għalih għax ser jidħol ġo UCA.

Għalhekk qed nitlob vot mill-Kunsill Lokali kontra dan l'iżvilupp u naraw li din iż-żona tgħaddi għand l'iskola biex b'hekk inkunu qed nissalvagwardjaw żona ħadra u anke nħarsu is-saħħa u is-sigurtà tat-tfal u il-ġenituri minħabba l'entratura tal-iskola.

Tislijiet,
Christian Pace

Doku C

ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL
73, ST. MARY STREET
TARXIEN. TXN 1704
Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt

# Tarxien Local Council

## No Objection Certificate

We the undersigned, being Joseph Abela Galea in capacity of Mayor and Lianne Cassar, in capacity of Deputy Executive Secretary of the Tarxien Local Council (the "Council"), having by virtue of Article of the Local Government Act (Cap. 363 of the Laws of Malta) the legal and judicial representation of said Council, hereby declare on behalf of same Council that the Council finds no objection to the installation of an Electric Vehicle Charging Pillar at the sites in the table below.

| Reference | Road | Exact Coordinates |
|---|---|---|
| TXN-003-P | Triq Santa Marija Service Road | 35.8673043, 14.5119490 |
| TXN-003-S | Triq Napuljun Caruana Dingli | 35.869799, 14.514050 |
| TXN-005-P | Triq A. Randon | 35.867161, 14.513080 |
| TXN-006-P | Triq il-Kurunell Mas | 35.864648, 14.518279 |
| TXN-006-S | Triq Hal-Luqa | 35.8674823, 14.5067208 |
| TXN-007-P | Triq Xandru Farrugia | 35.871003, 14.515961 |
| TXN-008-S | Triq it-Tarzna | 35.8660175, 14.5091522 |

Joseph Abela Galea
MAYOR

Lianne Cassar
DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY